DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Awwissu 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2010/642/UE li tawtorizza metodu għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fil-Greċja u li tirrevoka d-Deċiżjoni 89/449/KEE li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fil-Greċja

(notifikata bid-dokument C(2013) 5302)

(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)

(2013/437/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment l-Artikolu 43(m), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/449/UE [2], ġie awtorizzat l-użu ta' tliet metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fil-Greċja. Il-Greċja għarrfet lill-Kummissjoni li mindu ġiet adottata dik id-Deċiżjoni, il-metodi għall-klassifikazzjoni evolvew b'mod konsiderevoli u ġew irreġistrati tibdiliet fil-popolazzjoni tal-majjal. Għaldaqstant, it-tliet metodi awtorizzati permezz ta' dik id-Deċiżjoni ma jistgħux jibqgħu jintużaw.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/642/KEE [3], ġie awtorizzat l-użu ta' metodu wieħed għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal li tkun tneħħitilhom il-ġilda fil-Greċja.

(3) Il-Greċja elaborat żewġ metodi ta' klassifikazzjoni li huma ġodda u aġġornati u talbet lill-Kummissjoni biex tawtorizza dawn iż-żewġ metodi ġodda għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fit-territorju tagħha, u ppreżentat deskrizzjoni dettaljata tal-prova tad-dissezzjoni, u indikat il-prinċipji li fuqhom huma bbażati dawn il-metodi, ir-riżultati tal-prova tad-dissezzjoni tagħha, u l-ekwazzjonijiet użati għall-valutazzjoni tal-perċentwali tal-laħam dgħif fil-protokoll previst fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 [4].

(4) Eżami ta' dik it-talba żvela li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dawk il-metodi ta' klassifikazzjoni huma ssodisfati. Għaldaqstant, dawn il-metodi ta' klassifikazzjoni għandhom jiġu awtorizzati fil-Greċja.

(5) Konsegwentament, id-Deċiżjoni 2010/642/UE għandha tiġi emendata skont dan.

(6) Id-Deċiżjoni 89/449/KEE għandha tiġi revokata.

(7) Il-modifiki tal-apparat jew tal-metodi ta' klassifikazzjoni m'għandhomx ikunu permessi, sakemm dawn ma jkunux awtorizzati b'mod espliċitu permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/642/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal ippreżentati b'konformità mal-ewwel paragrafu tal-punt B.III tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-użu tal-metodu li ġej, huwa awtorizzat fil-Greċja skont il-paragrafu 1 tal-punt B.IV. ta' dak l-Anness: l-apparat 'OptiScan-TP' u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti I tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

2. Għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal li tkun tneħħitilhom il-ġilda, l-użu tal-metodi li ġejjin huwa awtorizzat fil-Greċja skont il-paragrafu 1 tal-punt B.IV tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007

(a) l-apparat 'OptiScan-TP' u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti I tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni;

(b) l-apparat 'Hennessy Grading Probe (HGP 4) u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti II tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni."

(2) L-Anness għandu jinbidel bit-test mogħti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/449/KEE tas-17 ta' Lulju 1989 li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fil-Greċja (ĠU L 214, 25.7.1989, p. 17).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/642/UE tal-25 ta' Ottubru 2010 li tawtorizza metodu għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fil-Greċja (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 60).

[4] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 tal-10 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-iskali tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal, u tal-laħam tan-nagħaġ u r-rapportar tal-prezzijiet tagħhom (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 3).

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 89/449/KEE hija rrevokata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

METODI GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KARKASSI TAL-MAJJAL FIL-GREĊJA

Parti I

OptiScan-TP

1. Ir-regoli stipulati f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal ssir permezz ta' apparat magħruf bħala 'OptiScan-TP'.

2. L-apparat Optiscan-TP għandhu jkun mgħammar b'imager diġitali li tieħu ritratt illuminat taż-żewġ punti tal-kejl fuq il-karkassi. L-immaġnijiet għandhom ikunu l-bażi għall-kalkolu tal-ħxuna tax-xaħam u tal-muskolu skont il-metodu taż-żewġ punti 'Zwei-Punkte Messverfahren (ZP)'.

   Ir-riżultati tal-kejl għandhom ikunu kkonvertiti f'kontenut ta' laħam dgħif stmat permezz tal-apparat Optiscan-TP nnifsu. Ir-ritratti għandhom jinħażnu u mbagħad aktar tard jistgħu jiġu kkontrollati. L-interfaċċa Bluetooth® integrata tippermetti t-trasferiment faċli tad-dejta.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

3a. Il-formola għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal ippreżentati skont l-ewwel sentenza tal-punt B.III tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007:

$$\hat{Y} = 62{,}94974 - 0{,}79348 \times X_1 + 0{,}13218 \times X_2$$

fejn

$\hat{Y}$ = il-perċentwali stmat ta' laħam dgħif fil-karkassa,

X_1 = il-ħxuna minima tax-xaħam (inkluża l-ġilda ta' barra) f'millimetri, fuq il-*M. gluteus medius*,

X_2 = il-ħxuna tal-muskolu tal-ġenbejn f'millimetri, imkejla bħala l-iqsar distanza bejn it-tarf ta' quddiem (il-kranju) tal-*M. gluteus medius* sat-tarf ta' fuq (dorsali) tal-kanal tal-ispina.

3b. Il-formola għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal li tkun tneħħitilhom il-ġilda:

$$\hat{Y} = 60{,}91227 - 0{,}80881 \times X_{1s} + 0{,}13710 \times X_2$$

fejn

$\hat{Y}$ = il-perċentwali stmat ta' laħam dgħif fil-karkassa,

X_{1s} = il-ħxuna minima tax-xaħam (mingħajr il-ġilda ta' barra) f'millimetri, fuq il-*M. gluteus medius*,

X_2 = il-ħxuna tal-muskolu tal-ġenbejn f'millimetri, imkejla bħala l-iqsar distanza bejn it-tarf ta' quddiem (il-kranju) tal-*M. gluteus medius* sat-tarf ta' fuq (dorsali) tal-kanal tal-ispina.

Dawn il-formuli għandhom ikunu validi għall-karkassi li jiżnu bejn il-50 u l-110 kilogramma.

Parti II

L-apparat imsejjaħ 'Hennessy Grading Probe (HPG 4)'

1. Ir-regoli li dwarhom hemm dispożizzjoni f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal issir permezz tal-apparat magħruf bħala l-'Hennessy Grading Probe (HGP 4)'.

2. L-apparat għandu jkun mgħammar b'sonda b'dijametru ta' 5,95 millimetri (u ta' 6,3 millimetri fix-xafra fil-quċċata tas-sonda) li jkun fiha fotodijodu (Siemens LED tat-tip LYU 260-EO) u fotoditekter tat-tip Silonex SLCD-61N1 u li jkollu distanza operattiva ta' bejn 0 u 120 millimetru. Ir-riżultati tal-qisien għandhom jiġu kkonvertiti f'kontenut ta' laħam dgħif stmat permezz tal-HGP 4 innifsu jew permezz ta' kompjuter imqabbad miegħu.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$\hat{Y} = 62{,}400 - 0{,}495 \times X_1 - 0{,}559 \times X_2 + 0{,}129 \times X_3$$

fejn

$\hat{Y}$ = il-perċentwali stmat ta' laħam dgħif fil-karkassa,

X_1 = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (mingħajr il-ġilda ta' barra) f'millimetri, imkejla 8 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa fil-livell tal-aħħar kustilja,

X_2 = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (mingħajr il-ġilda ta' barra) f'millimetri, imkejla 6 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa bejn it-tielet u r-raba' kustilja tal-aħħar,

X_3 = il-ħxuna tal-muskolu dorsali f'millimetri, imkejla fl-istess ħin u fl-istess post bħal X_2.

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn is-60 u l-120 kilogramma."